MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 8(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2011, fil-5.00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** John Restall

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. L-Inawgurazzjoni tal-Proġett tat-Tisbiħ tax-Xatt
6. Ħruġ ta' Tender għat-Tindif u Attendenza fil-Latrini Pubbliċi
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 6(2011) u Nru. 7(2011) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Dwar Para. 4.7 (disinn tal-karru ta' George Cutajar – Il-Parruċċan), il-Kunsill talab lis-Sur Cutajar, li kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa, sabiex jipprovdi pjanta aktar iddettaljata tal-propost karru.

**3.2** Il-Kunsillier Grech u l-Kunsillier Pomroy informaw 'l Kunsill li l-Gvern Ċentrali se jinstalla *barrier* li jopera bir-*remote control* fid-dħul ta' Pjazza l-Madonna ta' Pompei minn Triq San Ġużepp.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar il-kwotazzjoni tal-Comtec biex ibixxu kontra l-briegħed f'Triq Għajn Osiris, il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Grech li jsir tindif tal-area mill-ħaddiema assenjati.

**4.3** Il-Kunsill approva t-talba ta' Rosetta Debattista sabiex isir program ta' kant magħruf bħala "Mini-Gig" fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei nhar il-Ħadd, l-10 ta' Lulju 2011, bejn l-10.00 u l-11.00 a.m.

**5. <u>L-Inawgurazzjoni tal-Proġett tat-Tisbiħ tax-Xatt</u>**

**5.1** L-inawgurazzjoni kellha ssir mil-Prim Ministru, l-Onorevoli Dr Lawrence Gonzi, nhar is-Sibt, 18 ta' Ġunju 2011, filgħaxija. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi-Sindku li l-Kunsill iqassam ittra lir-residenti tal-lokalita' sabiex jinfurmahom b'dan l-avveniment.

**6. <u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**6.1** Is-Sindku tkellem dwar l-abbużi li qed isiru minn dawk li jarmaw bl-imwejjed u siġġijiet fuq il-bankini. Il-Kunsill qabel li jinforma lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa biex jitwaqqfu dawn l-abbużi.

**7. <u>Ħruġ ta' Tender għat-Tindif u Attendenza fil-Latrini Pubbliċi</u>**

**7.1** Il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa għal offerti għal dan il-kuntratt. Il-ħinijiet tal-ftuħ taż-żewġ latrini pubbliċi kellhom ikunu bejn it-8.00 a.m. u t-8.00 p.m. mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Ġunju u mit-8.00 a.m sa d-9.00 p.m. bejn l-1 ta' Lulju u t-30 ta' Settembru. Is-sejħa kellha toħroġ minnufih u kellha tagħlaq fl-1 ta' Lulju 2011.

**8. <u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**8.1** Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 0611) li hi annessa ma' u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**9. <u>Affarjiet Oħra</u>**

**9.1** L-Avukat John Bonello attenda din il-laqgħa u flimkien mal-Kunsill tfasslu *Bye Laws* dwar *caravans,* kampijiet u *barbeques;* karrijiet, laneċ u vetturi mitluqin mingħajr permess; u *Remote Controlled Model Power Boats.*

**9.2** Is-Segretarju Eżekuttiv informa 'l Kunsill li minkejja t-talba li għamel il-Kunsill sabiex jiġi estiż l-impieg tiegħu għal sena oħra wara li jagħlaq il-61 sena, hu kien ġie nfurmat li kellu joħroġ bil-pensjoni. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għalhekk kien bagħat lill-Kunsill lista tal-Pool ta' Segretarji Eżekuttivi prospettivi minn liema l-Kunsill seta' jagħżel min isejjaħ għall-*interviews.* Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħżel ħames kandidati minn din il-lista u jitlobhom għal *CV* qabel ma jagħzel min minnhom jitlob li jiġi għal *interview.*

**10.** Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Stephen Caruana** | **John Restall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Data :** | |